# IL-KUNĊETT TAR-RELAZZJONIJIET

BEJN ĦALTEJN

Ina Cutajar

# IR-RELAZZJONIJIET – *BEJN ĦALTEJN*

Ir-relazzjoni tal-bniedem mad-dinja ta' barra u ma' bnedmin oħra. Il-letteratura tgħinna nanalizzaw ir-relazzjonijiet umani b'mod aktar ċar.

L-individwu jiddefinixxi ruħu permezz tar-relazzjonijiet li jibni bil-konnessjonijiet:

- ma' bnedmin oħra
- ma' annimali
- ma' postijiet u oġġetti varji.



Din il-konnessjoni tista' tkun:

1. emottiva
2. politika
3. ambjentali
4. testwali (*Ittri lil Marta*) fejn bniedem jesplora konnessjoni permezz tal-kitba.

# FIRDA MINN KELB

- Ir-rabta bejn il-protagonist u l-kelb tiegħu, minkejja l-isfond kulturali ta' soċjetà li kienet għadha ma bdietx tagħraf id-dinjità tal-annimali u fejn raġel kien mistenni jaħbi l-emozzjonijiet tiegħu.



# JACQUELINE

- Ir-rabta li kellu Mario mar-rutina tiegħu kienet se xxekklu mill-akbar xewqa li kellu, dik li jibni relazzjoni ma' tfajla.



# IR-RELAZZJONIJIET – *BEJN ĦALTEJN*

- L-aktar relazzjonijiet kritiċi ta' ħajjitna – ir-rabtiet konxji u subkonxji – mhux dejjem huma faċilment identifikabbli.
- B'hekk il-letteratura sservi ta' lenti li tiffoka, u xi drabi tkabbar, aspetti relattivi għall-fini ta' analiżi aktar profonda.

# LILL-QAMAR KWINTA

- Naraw relazzjoni li taf tkun subkonxja ta' poeta ma' element naturali. Din ir-relazzjoni taf tislet kull xorta ta' sentimenti, imħabba, diżappunt, rabja...



# ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM

- Il-poeta, waqt kriżi eżistenzjali, jesprimi sentimenti paradossali lejn l-baħar.
- Jammirah u jgħir għalih għax ma jixjieħx. Jistmellu għax itemm ħajjet in-nies, imma jħobbu u jiggustah jilgħab max-xtajta, qisu l-maħbub tagħha.
- Ir-relazzjoni ta' Dun Karm mal-baħar hija kumplessa. Missier Dun Karm kien baħħar u b'hekk il-baħar huwa dak li kien jieħu lil missieru u jġibu lura.

# ĠARĠIR MAL-ĦERŻA

- Poeta jaf jibni relazzjoni ma' sitwazzjoni jew post. Naraw kif din tiżviluppa jew tevolvi.



# B'IDEJNA

- Naraw ir-relazzjoni konxja ta' bniedem Malti man-nazzjon tiegħu, li qed toħloqlu mistoqsija dwar kif għandu jġib ruħu.
- Kriżi ta' identità nazzjonali.



# RELAZZJONIJIET TURBOLENTI



**Refuġjata** u **Katrin tal-Imdina**:

It-tnejn f'kuntest ta' gwerra. Ir-relazzjoni ta' Katrin mal-Ħakem kellha temma kiefra, imma r-'refuġjata' bla isem baqgħet tistenna.

F'**Niftakar** u **Bank** terġa' tixref il-mewt li ħasdet koppja miżżewġa u l-qsim ta' qalb li dan iġib miegħu.

**Jum San Valentin** turina bixra oħra – it-turbolenza fl-aqwa tagħha. Tintuża l-kelma "traditur" li timplika r-raġuni li għaliha r-relazzjoni sfaxxat. L-ironija tiżdied għax il-poeżija tinkiteb f'jum il-maħbubin. Madankollu, l-għeluq mhux fatalista iżda jinħass ton ta' tama.

# IR-RELAZZJONIJIET – *BEJN ĦALTEJN*



- **Għalfejn il-letteratura tidher li tesplora r-relazzjonijiet ta' xejra negattiva u dawk armonjużi jiġu inqas indirizzai?**

Permezz tal-letteratura l-bniedem ifittex li jesplora, janalizza, jesprimi u saħansitra jirrijabilita l-emozzjonijiet li l-aktar ikidduh.

Għaldaqstant il-letteratura ta' spiss tidher bħala l-espressjoni tal-imnikket u mhux ta' min hu ferħan.